**Ruling mogħti mill-Ispeaker l-Onor. Anġlu Farrugia fis-Seduta 169 tat-13 ta' Novembru 2023 dwar teħid ta' ritratti fil-Kamra u uploading ta' posts fuq social media**

Is-Sedja qiegħda tagħti dan ir-ruling ex-officio wara li ġiet a konjizzjoni ta' post li ttella' fuq facebook nhar it-Tlieta, 7 ta' Novembru 2023 minn Membru tal-Kamra, li kien jinkludi ritratt li kjarament ittieħed waqt is-seduta ta' dakinhar.

Is-Sedja tibda billi tirreferi għall-Ordni Permanenti 173A li jirregola x-Xandir tal-ħidma parlamentari, u ċjoè t-teħid ta' rekords bil-viżiv u bl-udit u x-xandir tagħhom, u nikwwota:

> **"173A.**(1) Il-Kamra tawtorizza, skont it-termini, kundizzjonijiet u regoli li jistgħu jkunu determinati mill-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra minn żmien għal żmien, ix-xandir kemm b'mod dirett kif ukoll rekordjat, bil-viżiv u bl-udit, tas-seduti tal- Kamra tad-Deputati fil-Plenarja u tal-Kumitati maħtura mill-Kamra fl-intier tagħhom permezz tar-radju, it-televiżjoni, l-internet jew kull mezz ieħor li l-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra jidhirlu xieraq.
>
> (2) Is-seduti tal-Kamra tad-Deputati fil-Plenarja għandhom jixxandru fl-intier tagħhom u diretti bir-radju mill-Public Broadcasting Services.
>
> (3) L-Ispeaker jista' jordna l-interruzzjoni tax-xandiriet meta, fl-opinjoni tiegħu, ikun meħtieġ.
>
> (4) Fil-każ ta' seduti miżmuma fil-magħluq, dawn is-seduti ma jixxandrux."

Tagħmel referenza wkoll għall-Att dwar is-Servizz Parlamentari, Kap. 562, li fl-Artikolu 19 tiegħu jgħid hekk:

> **"19.** L-Ispeaker, fuq il-parir tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra, jista' jidħol f 'kull arranġament għax-xandir ta' seduti parlamentari, laqgħat tal-kumitati u kull attività oħra li jkollha x'taqsam max-xogħol tal-Kamra."

Tagħmel referenza wkoll għall ftehim milħuq fil-laqgħat tat-2 u s-27 ta' Ottubru 2023 fil-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra fir-rigward tas-seduti konnessi mal-Budget li bħalma jiġri kull sena jirregola x-xandir mill-PBS, jirregola x-xandir bil-lingwa tas-sinjali u jirregola wkoll it-teħid ta' ritratti u videos fil-Kamra fl-ewwel ftit minuti tal-ewwel tliet seduti konnessi mal-Budget u li allura jinkludi s-seduta inkwistjoni. Kif jafu l-Membri dan l-aħħar permess biex jittieħdu ritratti u videos jingħata biss lill-membri tal-media. Dan ifisser li jekk f'seduti oħra jista' b'xi mod jinġieb l-argument li l-użu tal-mobile phones għat-teħid ta' ritratti u filmati fil-Kamra mhuwiex regolat, dan l-argument żgur li ma jistax jiġi applikat għas-Seduta tas-7 ta' Novembru 2023.

Is-Sedja tinnota wkoll li f'dawk is-seduti mhux konnessi mal-budget, kif ukoll waqt numru ta' laqgħat tal-kumitati parlamentari, kien hemm diversi okkażjonijiet fejn bi qbil bejn l-istess Membri Parlamentari, membri tal-Media ingħataw permess jiġbdu filmati u jieħdu ritratti.

Is-Sedja tagħmel referenza wkoll għall-pożizzjoni li dejjem ħadet fir-rigward, u tibda billi tikkwota mir-ruling mogħti fis-seduta 105 tal-21 ta' Marzu 2023:

> "Għaldaqstant is-Sedja tixtieq tesprimi ruħha kontra t-teħid ta' filmati u ritratti b'mobile phones, cameras jew xi mezz ieħor fil-Kamra jew fil-Kumitati, waqt li dawn ikun qed jiltaqgħu, dejjem sakemm ma jkunx hemm il-qbil tal-Kamra jew tal-Kumitat skont il-każ. Hija wkoll tal-fehma li fin-nuqqas ta' dan il-permess, id-dekor tal-Kamra, ir-rispett bejn il-Membri Parlamentari, l-etikett u l-imġiba xierqa jitolbu li filmati u ritratti m'għandhomx jittieħdu la fil-Kamra jew fil-Kumitati u lanqas fil-madwar partikolarment meta l-Membri jkunu qegħdin hemm biex jaqdu l-mandat parlamentari tagħhom."

Tagħmel referenza wkoll għar-rakkomandazzjoni li għamlet fis-Seduta 538 tal-25 ta' Jannar 2022:

> "Il-Kamra tapprezza li huwa ferm diffiċli għas-Sedja biex tassigura li kull min għandu aċċess għall-bini tal-Parlament, ma jiħux filmati bil-mobile fil-kuriduri u fil-partijiet komuni. Huwa għalhekk li s-Sedja tisħaq li jintuża kemm il-buon sens kif ukoll l-etika fejn jidħol l-użu ta' dan l-apparat b'rispett lejn l-istess Membri u kollegi li xogħolhom huwa konness ma' din l-istituzzjoni tal-Parlament."

Is-Sedja tagħmel referenza wkoll għar-ruling li tat fis-Seduta 466 tad-9 ta' Jannar 2017:

> "Għalhekk, peress li s-Sedja m'għandha l-ebda poteri li tapplika xi forma ta' sanzjoni dwar l-użu tal-mobile phones mill-Membri parlamentari waqt id-dibattiti tal-Parlament peress li m'hemm l-ebda regolamentazzjoni li torbot lill-Kamra, is-Sedja qed tagħmilha ċara li filwaqt li tingħaqad mal-appell li għamel id-Deputy Speaker dakinhar li tqajjem il-każ, tħeġġeġ sabiex fl-ewwel okkażjoni, fil-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra, il-Gvern u l-Oppożizzjoni għandhom jaqblu li jibdew jiddiskutu dan il-punt b'mod matur sabiex jiġu stabbiliti guidelines dwar l-użu tal-mobile phones jew tablets fil-Kamra tad-Deputati waqt is-seduti parlamentari u l-kumitati tal-Kamra."

Fin-nuqqas ta' tali regolamentazzjoni, is-Sedja se tibda tirreferi għall-prattiċi u l-użanzi tal-House of Commons tar-Renju Unit a tenur tal-Ordni Permanenti 197 li jgħid hekk:

> **"197.** Fil-każijiet kollha li mhumiex regolati b'dawn l-Ordnijiet Permanenti, wieħed għandu jirrikorri għar-regoli, modi, użanzi u drawwiet tal-House of Commons tal-Parlament tar-Renju Unit, li għandhom jiġu segwiti safejn jistgħu jiġu applikati għall-proċeduri tal-Kamra b'konsiderazzjoni xierqa għan-natura speċjali tal-Kostituzzjoni."

Is-Sedja għalhekk se taqra dak li llum l-Erskine May jgħid dwar:

> "Electronic devices, phones and cameras
>
> Paragrafu 21.36

In October 2011, the House agreed to allow the use of hand-held electronic devices (but not laptops) in the Chamber, provided that they are silent and used in a way which does not impair decorum. Members may refer to such devices in making speeches, in place of written notes (though they should not be making their speech by continuously reading from them). The Speaker has regularly deprecated the failure of Members to turn off mobile phones or other devices which may give rise to disturbance, and listening to a message is unacceptable; the bar on use of mobile phones in the Chamber extends to divisions.

Mobile phones (or cameras) must also not be used for audio recordings or photography, which is forbidden in the Chamber."

Wara li rreferiet għal dan kollu, is-Sedja se terġa' ttenni r-rakkomandazzjoni tagħha kontra t-teħid ta' rekords bil-viżiv u bl-udit – jiġifieri filmati, ritratti u audio recordings – mingħajr il-permess tal-Kamra jew tal-Kumitat waqt seduti u laqgħat tal-Kumitat, kif ukoll fil-binja mingħajr il-permess tal-Membru konċernat.

U hawnhekk se terġa' tirreferi għal-ruling tagħha fuq ċitat mogħti fid-9 ta' Jannar 2017 u terġa' tikkwota kelma b'kelma dak li qal id-Deputy Speaker Ċensu Galea fis-Seduta 464 tal-21 ta' Diċembru 2016:

"Nixtieq nieħu din l-okkażjoni biex infakkar li aħna hawnhekk m'aħniex 71 tifel tal-kindergarten. Qegħdin 71 raġel u mara nirrappreżentaw – kif għedt ilbiraħtlula – lill-poplu Malti kollu kemm hu. Nafu li jekk aħna nippretendu li lin-nies li jkunu fl-iStrangers Gallery ma nħalluhomx jieħdu r-ritratti – hekk tgħid il-prassi u r-regolamenti li għandha din il-Kamra rigward l-iStrangers Gallery – ma nkunux aħna li naġixxu ta' tfal u nieħdu r-ritratti tagħna nfusna. Jekk irridu nibdew nagħmlu dan, nagħmluh permissibbli, allavolja tkun farsa li jkollna madwar 70 ruħ, kulħadd jieħu r-ritratti wieħed tal-ieħor! Niddeċiedu li dan ikun possibbli u nagħmluh! Altrimenti nafu li dan mhuwiex permessibbli."

Fl-aħħar nett is-Sedja tixtieq tiġbed l-attenzjoni biex kulħadd jara li dak li jtella' fuq is-social media ma jkunx jikkostitwixxi reat kontra l-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra (Kap. 113). Hawnhekk qed nirreferi għall-Artikolu 11(4) li fost affarijiet oħra jgħid hekk:

"(4) Dawn li ġejjin ikunu r-reati kontra dan l-Att, jiġifieri -

...

(*j*) il-pubblikazzjoni ta' kull libell li jagħti malafama lill-Ispeaker jew lil xi membru li tolqot xi ħaġa magħmula minnu jew li ntqalet minnu bħala Speaker jew bħala Membru fil-Kamra jew f'kumitat tagħha;

...

(*k*) il-pubblikazzjoni volontarja jew bi traskuraġni ta' xi rapport falz jew mgħawweġ ta' xi dibattitu jew proċedimenti tal-Kamra jew ta' xi Kumitat tagħha.

Għalhekk fiċ-ċirkostanzi, filwaqt li s-Sedja tagħraf li fil-każ fuq imsemmi tas-7 ta' Novembru 2023, ladarba s-Sedja ma nnotatx li ttieħed ir-ritratt li ttella' fuq Facebook bil-kummenti, u allura ma setgħetx tieħu passi dak il-ħin, qiegħda tagħmilha ċara li b'effett minn dan ir-ruling se timxi mal-proċeduri u l-prattiċi viġenti tal-House of Commons u dan bl-applikazzjoni tal-Ordni Permanenti 197.